MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1724/2001/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Brian u Dorianne konjugi Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm234.53) rappresentanti hlas in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon bin-numri 227887 u 235233 skond ma jirrizulta mid-dokumenti annessi ma'l-avviz immarkati bhala Dokumenti A, B, C u D.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 26 ta' Marzu 2001 u 23 ta' Mejju 2001 kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Keith Grech ghan-nom tas-socjeta attrici li iddikjara sollennement li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u tlieta u hamsin cenetzmu (Lm234.53), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 26 ta' Marzu 2001 u 23 ta' Mejju 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------